FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR ID-29 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
PAUL FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Fenech ta' 32 sena iben Paul u Carmen nee Bezzina imwieled Attard fil-11 ta' Settembru 1965 u joqghod Oakwood Flats, Flat 1, Kurat Schembri Street Mosta ID459165M talli f'dawn il-gzejjer, bejn l-1 ta' Frar 1996 u t-30 t'April 1997, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-
B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamle uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm4478

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi intbaghtu zewg ittri lill-pulizija wahda f'isem BSL Limited u ohra minn ghand il-Forestals biex il- pulizija jipprocedu kontra l-imputat ghaliex kien hareg diversi cheques illi ma gewx onorati mill- banek tal-imputat.L-ufficjal prosekutur xhed illi z-zewg kumpaniji kienu taw l-opportunita u z-zmien sabiex l-imputat jhallas dak dovut u sar ftiehim anke f'dak is-sens izda l-imputat ma baqax jonora anke dan il-ftehim minkejja xi hallas xi ammonti xghar u ghaldaqstant il-pulizija bdew bil-passi kriminali.

Fil-kors tal-investigazzjoni il-prosekuzzjoni sabet illi l-imutat kien hareg zewg cheques f'ammont Lm1770 lid-ditta Alfred Hili and Company sabiex jixtri injam biex jintuza ghas-sengha tal-matrudaxxa u anke dan ma giex onorat mill-banek tal-imputat.

L-imputat hallas biss Lm160 min dawn u xejn aktar. L-imputat irrilaxxa stqarrija u qal illi il-bank ma kienx onora dawn ic-cheques ghaliex minkejja li hu kien biegh xi affarijiet kien ghadu ma thallasx taghhom.

Xehed wkoll illi huwa kien lehaq ftehim ma min kellu jaghti u kien ser ihallas permezz ta' pagamenti kull xahar.

L-istqarrija giet immarkata bhala dok RC1 u tinsab a fol 20.

Illi l-ufficjal prosekutur kien rega investiga lill-imputat u dan irrilaxxa it-tieni stqarrija tieghu dok RC2 a fol 22.

F'din l-istqarrija l-imputat qal illi kien hallas xi Lm550 lil Forestals u li pero baqaghlu jaghti lill-ohrajn u li kien jinsab fi problemi finanzjari ghax ma thallas ghal xoghol li kien ghamel.

John Bugeja, importatur tal-injam ikkonferma illi l-kumpanija tieghu kieent bieghet diversi konsenji ta' injam lill-imputat u li dan kien hallas permezz ta' cheques li ma gewx onorati.

Illi mill-ammont globali ta' Lm4600 l-imputat kien hallas biss Lm200. Ic-cheuqes in kwistjoni huma dok B1 sa B4.

Herman German, chairman tal-Forestals, ikkonferma ix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Ikkonferma illi l-imputat kien xtara konsenja ta' injam, hallas b'cheque ta' Lm250 li ma giex onorat ghalkemm ippresentat f'diversi okkazzjonijiet. Min dan l-ammont thallas nofs.

David Spiteri Hili ikkonferma ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u xehed illi l-imputat kien xtara konsenja injam u hallas permezz ta' tlett cheques datati 28 ta' Frar, Marzu u Marzu 1997.

Mill-ammont globali ta' Lm1922 thallas biss Lm160 (ara cheques dok H1 sa 3).

Mix-xhieda ta John Bugeja fol 105 jirrizulta illi l-kumpanija tieghu ghamlet ftehim mal-imputat sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom u l-imputat jibda jhallas il-pagament, kif jidher mill-iskrittura Dok BB1 fol 107.

A fol 109 l-imputat permezz ta' bankdraft hallas l-ammont Lm5400 li kellu pendenti lil John Bugeja in full and final settlement.

Mix-xhieda a fol 114 Dr Joe Brincat f'isem Alfred Hili & Co irceva bankdraft f'ammont ta' Lm2273 in full and final settlement.

Permezz ta' bankdraft li tidher a fol 125 l-imputat hallas l-akkont ta' Lm125.75 lil Forestals.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta b'mod car illi l-imputat ghadda min perjodu imwier ta' finanzi batuti immens u kif fuq spjegat hallas b'diversi cheques li ma gewx onorati mill-banek.

Illi l-imputat pero kien fortunat bizzejjed li jirbah lotterija fil-mori tal-kawza biex b'hekk seta jhallas id-djun kollha li kellu.

Illi in oltre mix-xhieda tal-kwerelanti jidher illi il-hlasijiet permezz ta' cheques li saru mill-imputat ma kienx l-iskop ewlieni ghaliex sar dan in-negozju.

Fuq l-iskorta tad-decizzjonijiet "Pulizija vs Anthony Francis Willoughby" deciza fit-12 ta' Frar 1999 u "Pulizija vs Philip Petroni" deciza fis-16 ta' Marzu 1999, jirrizulta ampjament illi c-cheques in kwistjoni ma kienux "l-indusment" ghal xi tip ta' gwadanni da parti tal-imputat u li "ma kienx hemm dawk ir-raggiri jew artifizzji li huma essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat" ……"ma kienx hemm mise en scene – agir kwazi teatrali li effettivament ikun induci lill-vittma bi zball u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma jaghmel jew jonqos li jaghmel xi hafa li ggibilha telf patrimonjali." (Ara Pulizija vs Emmanuele Ellul).

Illi in oltre fuq l-ahhar skorta tal-gurisprudenza ricentissima jidher b'mod car illi siccome li il-kumpaniji kwerelanti kienu dahlu fi skrittura mal-imputat ta' kif ser jsir il-pagament, dana johloq obbligazzjoni novatio li minnu jonqsu dawk l-elementi ghal reat kriminali mahsub fl-akkuza de quo.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.